**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Frar 2019**

Kawza Numru: 7/2018MS

George Scicluna (K.I. 25666G)

vs

Sonya Zammit (K.I. 10972G)

It-Tribunal,

Ra l-avviz ipprezentat fit-8 ta' Frar 2018 illi permezz tieghu l-attur talab sabiex il-konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) raprezentanti nofs l-ispejjez ta' intervent mediku fir-rigward ta' binthom Martina Scicluna. Dan skond ma l-konvenuta hija tenuta li taghmel in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet datat is-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) kif emendat b'kuntratt iehor tal-ewwel (1) ta' Ottubru tal-elfejn u hmistax (2015). Bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 125/2017 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 20 ta' Frar 2018 li permezz taghha filwaqt illi kkontestat it-talba, eccepiet illi l-attur ma huwiex il-legittimu kontradittur gialadarba Martina Scicluna hija llum maggorenni; illi minghajr pregudizzju ghal dan, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex it-talba ma tirrigwardax spejjez ta' sahha, imma pjuttost spejjez ta' natura kosmetika; illi dejjem minghajr pregudizzju, l-konvenuta kienet tkarrbet sabiex hija flimkien ma bintha jmorru ghand dentist tal-ghazla tal-esponenti sabiex tigi verifikata l-htiega o meno tal-intervent u sabiex tigi stabbilita l-ispiza involuta jekk dan l-intervent jirrizulta mehtieg; illi sfortunatament l-esponenti qed titqies minn bintha u mill-attur bhala karus sabiex jigbdu l-flus u xejn iktar.

Ra d-dokumenti kollha esebiti b'mod specjali l-kuntratti esebiti (Dok A u B) kif ukoll ic-certifikat mediku (Dok C) u l-ircevuta mahruga mid-dentist Dr Franco Mercieca (Dok D) u l-affidavits ta' George Scicluna, Martina Scicluna u Sonya Zammit.

Sema' x-xhieda kollha mressqa mill-partijiet.

Ra l-verbal tas-6 ta' Dicembru 2018 fejn il-kawza ghaddiet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi t-talba tikkoncerna nofs l-ispejjes ta' intervent dentali illi sar fuq Martina Scicluna - bint il-partijiet George Scicluna u Sonya Zammit - liema intervent gie jiswa tlett elef Euro.

**Fatti:**

1. Illi l-partijiet George Scicluna u Sonya Zammit zzewgu fl-1 ta' Awwissu 1992 u kellhom tlett ulied - Marcia, Martina u Michele. Illi meta l-partijiet isseparaw, irregolaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom b'kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech tas-17 ta' Jannar 2003 (Dok A), kif emendat b'kuntratt iehor fl-atti tan-nutar Dr. Maria Grima tal-1 ta' Ottubru 2015. (Dok B). Il-klawzoli rilevanti ghar-risoluzzjoni tal-kwistjoni odjerna tal-imsemmi kuntratti huma is-segwenti:-

Dok A:

*"Ghal dak li jirrigwarda l-kura u l-kustodja tal-minuri din ghandha tibqa kongunta bejn il-partjiet b'dan illi salv kull arrangament diversi bejniethom jew kull ordni moghtija mill-Qorti kompetenti, ghandhom jibqghu jigu mharsa l-modalitajiet kif stabbiliti mill-Qorti ta' Ghawdex Gurisdizzjoni Volontarja permezz tad-digriet tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn. (2002)*

*Dwar spejjes mehtiega ghall-manteniment ta' l-ulied, il-partijiet jaqblu li kull parti ghandha tikkontribwixxi ghal nofs l-ispejjes mehtiega in konnessjoni mat-trobbija u l-ghixien taghhom inkluzi ghalhekk spejjes mehtiega in konnessjoni mal-ilbies, kura medika, educazzjoni u b'mod generali dak kollu li huma mehtieg ghal trobbija regolari. … F'kaz ta' nuqqas ta' ftehim dwar il-hlas dovut, jibqa' miftiehem li tali divergenza tkun riferuta lill-persuna li tkun tissorvelja t-trobbija tal-ulied mill-partijiet mahtura mill-Qorti u d-decizjoni tieghu tkun finali u definittiva. Prezentement din il-persuna hija s-social worker Peter Paul Portelli.*

Dok B:

*Illi hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens illi b'zieda ma' dak stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, sakemm uliedhom Martina u Michele jkunu ghadhom studenti li qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim full-time u huma taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena, l-istess Sonya Zammit ghandha (i) tibqa' thallas il-manteniment versu z-zewgt ulied; (ii) nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha ta' dan iz-zewgt ulied;*

*Ghal dak li jirrigwarda l-alimenti (konsistenti f'manteniment ta' somma fissa fix-xahar, kif ukoll nofs l-ispejjez ghal edukazzjoni u sahha) pagabbli dwar il-minuri Martina u Michele, qieghed jigi miftiehem li dawn l-alimenti jibqghu jithallsu minn Sonya Zammit sakemm l-istess ulied ikunu ghadhom jistudjaw u ma jahdmux anke wara li jaghlqu t-tmintax-il sena ai termini tal-artikolu tal-Kodici Civili, Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-hlas ikun soggett ghat-tnaqqis pro rata ghal min minn fost dawn it-tfal jieqaf jistudja jew jibda jahdem qabel ma jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena. Ghal kull buon fini qieghed jigi dikjarat illi impieg fuq bazi part-time u/jew summer jobs waqt illi l-ulied ikunu ghadhom jistudjaw fuq bazi full-time u/jew kwalunkwe stipendju illi l-ulied jistghu jircievu waqt l-istudji taghhom fuq bazi full-time, m'ghandhomx jitqiesu bhala impieg jew introjtu ghall-finijiet ta' din il-Klawsola.*

*Mill-bqija l-partijiet jiddikjaraw u jaqblu li l-kundizzjoni kontenuti fil-kuntratt tas-sbatax (17) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech kif ukoll dak kontenut permezz ta' nota kongunta bejn il-partijiet pprezentata nhar is-sbatax (17) ta' Mejju elfen u hamsa (2005) fl-atti tal-ittra pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti bin-numru tlieta zbarra elfejn u hamsa (3/2005) hekk kif ikkonfermata b'digriet tal-Qorti fl-atti tal-istess ittra bin-numru tlieta zbarra elfejn u hamsa (3/2005) ta' l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju elfejn u hamsa, ghandhom jibqghu vigenti u applikabbli sakemm mhumiex in konflitt ma' dak stipulat f'dan l-att.*

2. Illi fl-1 ta' Dicembru 2017, u cjoe' fid-data meta sar l-intervent mid-dentist Dr Franco Mercieca, Martina Scicluna kellha ghoxrin sena u kienet qieghda tistudja *full-time* fl-Universita' ta' Malta.

3. Illi Sonya Zammit hija obbligata li thallas nofs l-ispejjes ta' sahha waqt li t-tfal ikunu jistudjaw u ghadhom taht l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena.

4. Illi Sonya Zammit kienet giet infurmata b'dan l-intervent qabel ma sar.

5. Illi Sonya Zammit qieghda tikkontesta dan il-hlas u qed tirrifjuta li thallas sehemha peress illi fl-opinjoni taghha dan kien ta' natura kosmetika iktar milli spiza ta' sahha.

6. Illi r-relazzjoni bejn l-omm Sonya Zammit u t-tifla Martina Scicluna m'hijiex wahda tajba jew almenu ma kienetx f'dak iz-zmien tal-intervent u ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-intimata qieghda tirrileva li l-attur m'huwiex il-legittimu kontradittur gialadarba Martina Scicluna kienet maggorenni meta gie prezentat l-avviz.

Huwa minnu illi Martina Scicluna kienet maggorenni mhux biss meta gie prezentat l-avviz imma anke meta sar l-intervent mediku fuqha. Pero' kienet ghadha qed tistudja u skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-genituri, spejjez medici kellhom jinqasmu ugwalment bejn il-genituri. Dan l-intervent gie jiswa tlett elef Euro u skond l-attur, kif konfermat minn bintu, l-flus harighom l-istess attur, anke jekk l-ircevuta tad-dentist Mercieca harget fuq isem Martina Scicluna. It-Tribunal jidhirlu kwindi illi f'sitwazzjoni bhal din l-azzjoni setghet issir jew mill-attur bhala l-persuna li harget il-flus, jew minn Martina Scicluna bhala maggorenni u l-persuna li bbenefikat minn dan l-intervent mediku, jew addirittura mit-tnejn flimkien. F'dan il-kaz l-attur ghazel li jaghmel il-kawza wahdu. It-Tribunal ma jara xejn hazin b'din l-ghazla li hija legalment sostenibbli. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta.

Ikkunsidra

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni illi l-omm Sonya Zammit ghandha l-obbligu li tikkontribwixxi ghal dawk li huma manteniment, spejjes edukattivi u ta' sahha kif ukoll nofs il-kera ta' post ta' abitazzjoni waqt li t-tfal qed jistudjaw. Dan m'huwiex qed jigi kontestat. Lanqas mhu kontestat illi Zammit kienet saret taf b'dan l-intervent qabel ma fil-fatt sar. Il-konvenuta tghid illi kienet giet infurmata li bintha Martina Scicluna xtaqet taghmel intervent fi snienha filwaqt li Martina Scicluna u George Scicluna jghidu illi qabel ma sar l-intervent, il-konvenuta kienet giet infurmata bil-bzonn tieghu u li kien se jiswa madwar €3,000. Ghalhekk li qed jigi kontestat mill-konvenuta huwa n-necessita' tieghu, u cjoe' jekk dan verament kien bzonn u jekk ghandux jikkwalifika taht spejjes ta' sahha.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi dan l-intervent kien wiehed ta' natura kosmetika iktar milli intervent mediku. Tghid ukoll illi kienet offriet biex tmur ma bintha ghand dentist iehor ghal parir ulterjuri sabiex tigi verifikata l-htiega o meno tal-intervent, u fl-istess hin riedet tuza l-

opportunita’ biex tibni relazzjoni ma’ bintha, peress illi r-relazzjoni ta’ bejniethom ma kienetx mill-ahjar. Fil-fatt dan l-appuntament sar pero’ t-tifla ma marritx.

Min-naha l-ohra, l-attur jikkonferma li sar jaf li l-konvenuta riedet tmur ghand dentist tal-ghazla taghha u mhux ghand id-dentist illi ghazlet it-tifla. Jghid li t-tifla ma accetatx li tmur ghand dentist iehor; ighid ukoll illi kien ghamel appuntament ghand id-dentist tat-tifla, ghall-liema appuntament kienet sejra t-tifla u li l-konvenuta kienet ukoll giet infurmata b’dan l-appuntament. Min-naha taghha, l-konvenuta tghid li m’ghandhiex amment ta’ dan l-appuntament, pero’ fl-affidavit taghha fit-tielet paragrafu tikkonferma li l-attur u bintha kienu ghamlu appuntament ma’ Dr. Franco Mercieca u li hi riedet tmur ghand dentist iehor ghal *second opinion.*

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi dan it-Tribunal ihoss illi meta si tratta ta’ kura u kustodja kongunta, dan ifisser illi kemm jista’ jkun d-decizjonijiet tat-trobbija tat-tfal - partikolarment dawk ta’ certa portata - ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri, iktar u iktar meta it-tnejn qeghdin jikkontribwixxu finanzjarjament ghal din it-trobbija. Meta l-hlas finali ser jinqasam bejn tnejn minn nies, huwa ghaqli li l-opinjonijiet tat-tnejn ghandhom jigu ventilati u kkunsidrati.

Jekk il-konvenuta xtaqet tiehu s*econd opinion* - u dan kienu jafuh kemm l-attur kif ukoll bintu - dan ovvjament kien ser jinvolvi appuntament u konsultazzjoni ghand dentist iehor - u cjoe’ dentist differenti minn Dr. Franco Mercieca. L-iskop tal-esercizzju huwa wiehed purament konsultattiv. Fil-fatt l-omm ma kienetx qed tinsisti illi l-intervent isir minn dentist iehor, xtaqet biss parir ulterjuri. Fl-ahhar mill-ahhar, it-Tribunal jidhirlu wkoll illi t-tifla ghandha d-dritt illi tiddeciedi liema dentist ghandu jopera fuq il-persuna taghha.

Illi m’huwiex car ezatt meta l-konvenuta saret taf dwar dan l-intervent u/jew meta kellu jsir. Li huwa dokumentat hu li fit-13 ta’ Ottubru 2017 kien hemm konsultazzjoni ghand Dr. Franco Mercieca fejn dan hareg certifikat li ddeskriva l-intervent li kellu jsir u fejn qal li dan ma kienx wiehed kosmetiku u li kellu jiswa tlett elef Euro. Huwa dokumentat ukoll illi l-intervent sar fl-1 ta’ Dicembru 2017. Pero’ l-gurnata meta l-konvenuta saret taf bil-htiega o meno ta’ dan l-intervent u jekk kienetx giet infurmata bid-data tal-intervent ma rrizultax mill-atti. Hemm referenza miz-zewg nahat ghal xi skambju ta’ korrispondenza tramite l-avukati, pero’ din il-korrispondenza m’hijiex ezebita f’dan il-process.

Ikkunsidra

Illi ghalkemm it-Tribunal jissimpatizza mas-sitwazzjoni tal-omm, li stante li kienet qed tigi mitluba thallas nofs l-ispiza kellha dritt tippartecipa fid-decizjoni u tiehu parir iehor, jibqa' l-fatt li l-konvenuta ma setghetx tallega illi l-intervent kien wiehed ta' natura kosmetika minghajr ma ggib provi biex tissustanza din l-allegazzjoni. Hemm diversi mezzi kif il-konvenuta setghet iggib provi dwar din l-allegazjoni izda m'ghamlet xejn. Lanqas ma hadet l-opportunita' illi tmur ma' bintha ghand id-dentist Dr Mercieca biex tiehu l-informazzjoni illi kellha bzonn, biex imbaghad tuza din l-informazzjoni biex tmur ghand dentist iehor biex iggib '*second opinion*' (anke fl-assenza ta' bintha) jew biex b'xi mod iehor turi illi dan l-intervent ma kienx necessarju. Ma tistax allura issa, tispekola illi l-intervent ma kienx necessarju la ma gabet imqar prova wahda biex tikkontrasta c-certifkat li hareg Dr. Mercieca.

Illi terga' u tghid il-konvenuta kellha triq ohra x'issegwi jekk kien qed ihossha illi d-drittijiet taghha kienu qed jigu lezi. Setghet tpoggi l-kwistjoni quddiem is-*social worker* Peter Paul Portelli ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi (Dok A). Dina kienet kwistjoni tipika dwar nuqqas ta' ftehim dwar xi hlas dovut, fejn allura d-decizjoni ta' Peter Paul Portelli kienet tkun finali.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi stante dawn ic-cirkostanzi, l-konvenuta m'hijiex gustifikata li zzomm lura nofs il-pagament kif mitlub. Ma hemmx dubju illi dawk it-tlett elef Euro thallsu u wara kollox il-konvenuta m'hijiex qed teccepixxi illi l-hlas ma sarx. U mic-cerifikat esebit, lanqas ma hemm dubju illi dak l-intervent kien wiehed medikament necessarju. Kwalunkwe allegazjonijiet maghmula mill-konvenuta baqghet mhux sostanzjata.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuta li thallsu s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500). Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuta.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*